



17.2.2012

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett:** Petizzjoni 1465/2008, imressqa minn Dymphna Neary, ta' nazzjonalità Irlandiża, dwar l-allegat impatt ambjentali detrimentali minħabba l-bini ta' impjant tal-enerġija bit-turbini tal-gass f'Toomes (Co Louth, Irlanda)

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta tilmenta dwar id-deċiżjoni tal-An Bord Pleanala li tagħti permess għall-kostruzzjoni ta' impjant tal-enerġija bit-turbini tal-gass ta' 450MW f'Toomes, Co Louth. Il-petizzjonanta ssostni li l-impjant tal-enerġija previst jista' jkollu impatt ambjentali detrimentali peress li ser ikun lokalizzat fl-akbar habitat tal-ħajja selvaġġa intatt fuq il-kosta tal-Lvant tal-Irlanda. Il-petizzjonanta tallega li ma kien hemm l-ebda studju xieraq dwar l-impatt ambjentali qabel l-approvazzjoni tal-proġett u li hi ltaqgħet ma' bosta diffikultajiet meta ppruvat tikseb l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali disponibbli. Il-petizzjonanta tinnotta li hi nnotifikat lill-Kummissjoni Ewropea dwar il-ksur potenzjali tal-leġislazzjoni ambjentali Ewropea u titlob lill-Parlament Ewropew biex jinvestiga l-każ.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-12 ta' Marzu 2009. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-2 ta' Settembru 2010.

Id-Direttiva EIA<sup>1</sup> titlob stima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent. Skont id-Direttiva EIA, proġetti li aktarx ikollhom effetti sinifikattivi fuq l-ambjent minħabba inter alia, in-natura, il-kobor u l-pożizzjoni tagħhom, għandhom ikunu soġġetti għal stima fir-

<sup>1</sup> Id-Direttiva 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent kif emendata mid-Direttivi 97/11/KE, 2003/35/KE u 2009/31/KE

rigward tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent qabel ma jinħareġ il-permess għall-iżvilupp. Il-proġetti li jirrikjedu stima tal-impatt ambjentali huma elenkati f'Anness I. Inklużi f'Anness I insibu stazzjonijiet tal-qawwa termali u stallazzjonijiet oħra ta' kombustjoni bi ħruġ ta' sħana ta' 300 megawatt jew iktar.

Id-Direttiva IPPC<sup>1</sup> titlob li l-operaturi ta' stallazzjonijiet industrijali ġodda elenkati f'Anness I tad-direttiva jiksibu permess ambjentali mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti. Il-permess IPPC għandu jikkunsidra l-prestazzjoni ambjentali kollha, li tkopri eż. l-emmissjonijiet fl-arja, l-ilma u l-art, il-ġenerazzjoni tal-iskart, l-użu ta' materji primi, l-effiċjenza fl-enerġija, l-istorbju, il-prevenzjoni ta' aċċidenti, u r-restawrazzjoni tas-sit wara li jingħalaq. L-iskop tad-direttiva huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent iġenerali.

Id-Direttiva dwar il-Habitats<sup>2</sup> tistabilixxi netwerk ta' siti protetti u sistema stretta għall-protezzjoni tal-ispeċi. Meta jkun hemm pjan jew proġett li aktarx ikollu effetti sinifikattivi fuq is-sit, dan għandu jkun soġġett għal stima biex jiġi stabbilit sa fejn iwassal dan l-effett, u jekk dan ikun sinifikattiv, jekk hemmx siti alternattivi disponibbli jew hux meħtieġa miżuri ta' kumpens.

Mill-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonanta, il-Kummissarju jinnota li saret stima tal-impatt ambjentali (EIA) għall-proġett tal-impjant tal-enerġija. Il-Kummissjoni tifhem ukoll li l-Aġenzija għall-Ħarsien tal-Ambjent (EPA) fl-Irlanda sussegwentement ħarġet il-permess IPPC għall-impjant tal-enerġija fl-2009.

Il-Kummissjoni għandha tħassib ġenerali dwar il-proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet nazzjonali għall-istallazzjonijiet industrijali fit-termini tar-rekwiżiti tad-Direttiva EIA kif trasposti fil-Liġi Irlandiża. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tikkunsidra li hemm difetti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali sakemm din tkopri it-traspożizzjoni tal-Artikoli minn 2 sa 4 tad-Direttiva EIA. Il-Kummissjoni ressqet dawn il-kwistjonijiet quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u attwalment id-deċiżjoni hija pendent (Kawża K-50/09). Skont din l-osservazzjoni, id-dokumentazzjoni pprovduta mill-petizzjonanta ma tindika l-ebda irregolarità fil-proċedura tal-EIA mwettqa għall-iżvilupp.

Il-petizzjonanta tesprimi tħassib partikolari rigward it-telf tal-art mistgħadra f'Toomes, madankollu, il-Kummissjoni tinnota li din l-art mhix protetta għall-iskopijiet tad-Direttiva tal-Habitats u lanqas ma tagħti x'tifhem li hi protetta taħt il-liġi nazzjonali.

Konklużjonijiet

Skont l-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonanta, il-Kummissjoni ma tista' tidentifika l-ebda ksur tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

#### **4. Risposta tal-Kummissjoni REV, li waslet fis-17 ta' Frar 2012.**

<sup>1</sup> Id-Direttiva 96/61/KE kif ikkodifikata skont id-Direttiva 2008/1/KE dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis

<sup>2</sup> Id-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa

Fl-ewwel risposta tagħha għall-komunikazzjoni, il-Kummissjoni indikat li ċertu kwistjonijiet rigward it-traspożizzjoni min-naħa tal-Irlanda tad-Direttiva dwar l-istima tal-effetti fuq l-ambjent għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Kawża C-50/09).

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat is-sentenza tagħha fil-Kawża C-50/09 f'Marzu 2011. Il-Qorti ddeċidiet li l-Irlanda ma ttrasponietx l-Artikoli 2 u 4 tad-Direttiva EIA. B'mod partikolari, f'każijiet li fihom l-awtoritajiet tal-ippjanar Irlandiżi u l-Aġenzija għall-Ħarsien tal-Ambjent it-tnejn għandhom setgħat li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar proġett, il-Qorti ddeċidiet li jridu jiġu ssodisfati bis-sħiħ il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 2 u 4 tad-Direttiva (l-hekk imsejjaħ proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet separat).

L-awtoritajiet Irlandiżi diġà adottaw leġislazzjoni sabiex jiġu implimentati ċerti aspetti tas-sentenza. Madankollu, il-leġislazzjoni relatata mal-konformità mal-Artikolu 3 u l-aspett tas-sentenza relatat mal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet separat, għadhom iridu jiġu adottati. Il-Kummissjoni qiegħda f'kuntatt mill-qrib mal-awtoritajiet Irlandiżi, bil-għan li jiġi żgurati li din il-leġislazzjoni ġdida tiġi adottata kemm jista' jkun malajr.

#### **5. Risposta tal-Kummissjoni (REV II), li waslet fl-24 ta' Ottubru 2012.**

Fil-komunikazzjoni preċedenti tagħha lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, il-Kummissjoni rrapportat li l-awtoritajiet Irlandiżi kienu nfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tagħhom li jadottaw leġislazzjoni ġdida sabiex jikkonformaw mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-50/09.

Madankollu, fid-dawl tan-nuqqas kontinwu min-naħa tal-Irlanda sabiex tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti, il-Kummissjoni ddeċidiet, fil-21 ta' Ġunju 2012, li tirreferi l-każ lura lill-Qorti tal-Ġustizzja. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-leġislazzjoni l-ġdida intiża li timplimenta s-sentenza tal-Qorti ġiet adottata mill-Irlanda. Il-Kummissjoni attwalment qiegħda tanalizza din il-leġislazzjoni u qiegħda f'kuntatt mill-qrib mal-awtoritajiet Irlandiżi dwar din il-kwistjoni.